# 72. Il-Miżieb

Aħrax il-blat miżgħud tengħut u ansar,
xirkebb u ferħ; u ħorox sew il-bdiewa
jitħabtu biex mill-blat u ftit ħamrija
jieħdu l-għajxien;

Imħabba xiber art jiqqortjaw għomor,
jew joqtlu lil xulxin; koroh l-irziezet
mibnija qalb il-blat jew ġol-għerien,
imħarbta t-toroq.

‘Mma f’nofs din il-ħruxija knisja żgħira,
u fuq l-artal Madonna bajda u ħelwa
li tbierek l-għasel bnin ta’ fomm is-sagħtar
u l-ilma ġieri;

U qassis xwejjaħ fuq daqsxejn t’armonju
igħallem qabda tfal ħafjin u mqattgħa;
fi tlugħ u nżul ix-xemx tgħanni l-qanpiena:
“Ave Marija!”